**12 ta' Diċembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.E., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B. Litt., LL.D.**

Charles Santucci

*versus*

John Mizzi ne.

**Konvenzjoni — Ċitazzjoni — Kawżali — Inċidenti fil-kawża**

*Jekk l-attur jagħmel talba biex tiġi lilu rest'twita somma ta' flus minnu mħallsa lill-konvenut in eżekuzzjoni ta' konvenzjoni li in segwitu ġiet riżoluta b'l-kunsens reċiproku, u l-konvenut jeċċepixxi li, meta saret ir-riżoluzzjoni tal-konvenzjoni, sar ftehm ieħor li l-eżekuzzjoni tiegħu t'ntitolah iżomm dak il-flus, u allura l-attur iqajjem il-kwistjoni jekk il-ftehim il-ġdid allegat mill-konvenut huwiex legalment val'du, il-kwistjoni hekk sollevata mill-attur għandha tiġi deċiża fl-istess kawża li għamel l-attur biex jitlob is-somma minnu mħallsa in eżekuzzjoni tal-ewwel konvenzjoni.*

*Għax l-attur, bil-kwistjoni minnu sollevata, ma jiġix ibiddel it-talba tiegħu, jew jagħmel oħra ġdida; huwa jkun biss qiegħed jiddefendi ruħu kontra l-eċċezzjoni proposta mill-konvenut. Dik il-kwistjoni tkun purament aċċessorja u subordinata għad-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni, jew inċident fil-kawża; u l-eżami ta' dik il-kwistjoni ma jimplikax spostament tal-kawżali dedotta fiċ-ċitazzjoni, jew tibdil tagħha.*

*Il-ftehim ġdid allegat mill-konvenut ma għandux jiġi kunsidrat iżolatament għalieh, talment li jiġi skonness għal kollox mill-ftehim preċedenti dwar ir-riżoluzzjoni tal-konvenzjoni oriġinali; u l-kwistjoni kollha għandha tiġi kunsidrata mill-Qorti kollha f'daqqa.*

*U bħala regola ġenerali, hu ċertament deżiderabbli illi, meta dan jista' jsir kompatibbilment mar-regoli proċedurali u mad-dispożizzjonijiet tal-liġi, l-inċidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f'kawża jiġu diskussi u deċiżi fl-istess ġudizzju, għall-ekonomija ta' żmien u spejjeż, u a skans ta' possibbli konflitt ta' ġudikati, għalkemm jista' jkun hemm każi li fihom, kif anki ritenut mill-ġurisprudenza, tkun meħtieġa azzjoni separata.*

**Il-Qorti:**— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, b'kitba tal-ewwel ta' Lulju 1957, ftiehem li jagħti b' "hire purchase" lill-attur karrozza Standard Vanguard nru. 13830 sekonda man, bil-prezz totali ta' £230, li minnhom l-attur kellu jħallas, u fil-fatt ħallas, £80 dak inhar stess; u li l-attur avviċina lill-konvenut biex jirriżolvu l-imsemmija kuntrattazzjoni, u dan aċċetta, tant illi ttrasferixxa dik il-karozza lil ħadd ieħor; u illi b'dan kollu l-konvenut irrifjuta li jirrestitwixxi lill-attur is-somma ta' £80 li, in bażi għall-ftehim fuq indikat u in segwitu riżolut, l-attur ħallas lill-konvenut fl-ewwel ta' Lulju 1957, kif ġa aċċennat; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi u jħallas lilu s-somma fuq indikata ta' £80, li bħala konsegwenza tar-riżoluzzjoni tal-kuntrattazzjoni fuq riferita l-konvenut ma għandux dritt jirritjeni. Bl-interessi kummerċjali mill-ewwel ta' Lulju 1957; u bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1958, li biha t-talba tal-attur, salva kull azzjoni oħra tiegħu "si et quatenus", ġiet miċħuda, bl-ispejjeż; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kieku l-fatti li ppreċedew il-kawża u taw lok għaliha kienu preċiżament dawk li ġew esposti fl-att taċ-ċitazzjoni, kieku t-talba tal-attur ma kienetx tista' ma tiġix milqugħa, l-għaliex, riżolut il-kuntratt bi ftehim tal-kontraenti, dawn jiġu mqegħda fl-istat li fih kienu qabel, u kull wieħed minnhom għandu jrodd dak li jkun irċieva jew daħħal b'effett jew bis-saħħa tal-kuntratt;

Illi, però, mill-provi jirriżulta li l-fatti kienu xi ftit differenti. U difatti, l-istess attur xehed illi, wara li sar il-kuntratt indikat fl-att taċ-ċitazzjoni, li in forza tiegħu huwa akkwista minn għand il-konvenut bil-"hire purchase" il-karrozza fuq riferita bil-prezz ta' £230, li minnhom ħallas £80, u qabel ma rtira l-istess karrozza, hu ftiehem mal-konvenut li jieħu karrozza oħra minflokha. Dan ried jagħmlu billi sar jaf li l-karrozza li kien akkwista kienet tikkonsma bosta petrol; hu ra diversi karrozzi, u xi wħud minnhom għoġbuh imma ma għoġbux il-prezz tagħhom, u allura xtaq li minflok il-karrozza jakkwista Lambretta. Iżda l-konvenut ma riedx jikkuntentah, u allura kompla jara karrozzi oħra, iżda ma għażel ebda waħda; u allura ġie nfurmat illi d-ditta konvenuta ma setgħetx tkompli tħalli fil-garage dik il-karrozza li huwa kien akkwista, u ġie lilu suġġerit li dik il-karrozza tinbiegħ, u mbgħad, meta jkun irid, jagħżel oħra minflokha; u huwa aċċetta. Ir-risponda bil-kliem:— "Kollox sewwa, nieħu karrozza oħra." Il-karrozza li kien akkwista ġiet allura mibjugħa. In segwitu pprova jiftiehem mal-konvenut fis-sens li jirriżolvi l-kuntratt u jitlef £10; iżda l-konvenut ma aċċettax; u allura huwa baqa' jmur biex jara jsibx karrozza; u meta ra li l-konvenut ma taħx karrozza oħra bi prezz moderat, qallu li kien sejjer jagħmel dak li ma xtaqx jagħmel, jiġifieri — hekk għandu jiftiehem — jipproċedi, kif għamel, ġudizzjarjament kontra tiegħu;

Illi dawn il-fatti juru illi, meta ġie riżolut il-kuntratt riferibbilment għall-karrozza msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, sar ftehim fis-sens li l-attur kellu jakkwista bil-"hire purchase" karrozza oħra, li kellu in segwitu jagħżel, bl-istess prezz ta' £230, u t-£80 li kien ħallas jibqgħu għand il-konvenut akkont tal-imsemmi prezz ta' din il-karrozza. Hekk xehed ukoll Joe Mizzi (fol. 20); u għalhekk dawk it-£80 qegħdin għand il-konvenut in forza ta' dan il-ftehim;

Illi fit-trattazzjoni orali tal-kawża l-attur issottometta illi l-imsemmi ftehim mhux validu fil-liġi; imma, u jekk dan hu veru, din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi kunsidrata fuq l-odjern att ta' ċtazzjoni, fejn ma ġiex attakkat dan il-ftehim, u ma saret ebda talba għar-riżoluzzjoni jew għad-dikjarazzjoni tal-ineżistenza tiegħu għar-raġuni ndikata, u fejn it-talba ma ġietx bażata fuq il-konsegwenza tar-riżoluzzjoni jew ineżistenza tal-istess ftehim. Il-kawżali tad-domanda ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni hija l-allegata riżoluzzjoni konvenzjonali tal-kuntratt riferibbilment għall-karrozza msemmija fl-istess att taċ-ċitazzjoni, u mhux l-allegata nullità jew ineżistenza tal-ftehim l-ieħor — kawża għal kollox diversa, u għalhekk ma tistax tiġi kunsidrata f'dan il-ġudizzju;

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza, u rat il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata u, okkorrendo, annullata, billi jiġi dikjarat li dik il-Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni u taqta' l-kwistjoni lilha devoluta dwar ir-riżoluzzjoni tal-vendita msemmja fiċ-ċitazzjoni u kull kwistjoni konnessa mal-istess, bħal ma hu l-ftehim sussegwenti msemmi fl-istess sentenza appellata; u jiġi dikjarat, fil-meritu, illi in vista tar-riżoluzzjoni hemm lok għar-restituzzjoni tas-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni; u konsegwentement it-talbiet tal-attur jiġu milqugħa; salv illi, f'każ ta' eżitu ħażin ta' din it-talba, l-istess sentenza tiġi wkoll revokata, billi jiġi deċiż u dikjarat illi n-nuqqas tal-attur li jressaq quddiem il-Qorti l-kwistjoni tal-ftehim sussegwenti, kif jingħad fis-sentenza appellata, kellu jwassal għall-liberazzjoni tal-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju u konsegwentement dan jiġi hekk liberat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni, u kkunsidrat;

Għat-talba tal-attur għar-restituzzjoni tat-£80 in kwistjoni, bażata fuq il-kawża'i tar-riżoluzzjoni tal-ftehim inkorporat fl-iskrittura fol. 4, u kwindi fuq in-nuqqas ta' titolu da parti tal-konvenut għar-ritenzjoni ta' dik is-somma, il-konvenut eċċepixxa fl-ewwel lok li hu jgħid li sar ftehim bejn il-partijiet fis-sens li l konvenut kellu jżomm dik is-somma akkont tal-prezz ta' karrozza oħra li l-attur kellu eventwalment jieħu;

L-attur (kif jidher mill-petizzjoni tiegħu — parentesi fl-ewwel tliet linji fol. 38) mhux biss jikkontesta l-eżistenza tal-ftehim allegat mill-konvenut "bħala fatt", iżda talli, anki quddiem l-Ewwel Qorti, ikkontesta l-"legalità" u l-"obligatorjetà" ta' dak il-ftehim, jekk sar;

L-Ewwel Qorti rriteniet fis-sentenza appellata, bħala fatt, illi l-imsemmi ftehim kien jirriżulta mill-provi, u din il-Qorti taqbel ma' dik il-konklużjoni, fis-sens li tirritjeni illi, meta l-attur reġa' bdielu dwar il-karrozza li kien xtara bil-"hire purchase" minn għand il-konvenut, u wera x-xewqa tiegħu li ma jeħodhiex, sar diskors bejniethom fis-sens li l-attur isib karrozza oħra li tgħoġbu, u t-£80 li hu kien ħallas akkont tal-prezz tal-ewwel karrozza jiġu akkreditati lilu akkont tal-prezz eventwali ta' dik il-karrozza l-oħra;

Iżda l-Ewwel Qorti dehrilha li fil-kwistjoni tal-validità. jew aħjar eżistenza legali, ta' dak il-ftehim, sollevata mill-attur, ma setgħetx tidħol f'din il-kawża; għaliex it-talba tal-attur fiċ-ċitazzjoni kienet bażata fuq ir-riżoluzzjoni konvenzjonali tal-ewwel ftehim ta' bejgħ, u mhux fuq l-allegata nullità jew ineżistenza ta' dak il-ftehim l-ieħor;

Din il-Qorti bir-rispett kollu ma taqbelx ma' din il-konklużjoni;

Il-kwistjoni fuq imsemmija ġiet imqajma mill-attur

in ripulsa tal-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut. B'dik il-kwistjoni l-attur kien qiegħed jiċħad il-fondament ta' dik l-eċċezzjoni. In sostanza, l-attur kien qiegħed jgħid illi l-ftehim allegat fl-eċċezzjoni tal-konvenut, anki jekk kien jeżisti bħala fatt, ma kienx legalment vinkolanti, u kwindi l-eċċezzjoni stess, bażata fuqu, ma kellhiex fondament legali;

L-attur b'dan il-mod, fil-fehma ta' dil-Qorti, ma kienx qiegħed ibiddel it-talba tiegħu, jew jagħmel talba oħra ġdida. Hu kien biss qiegħed jiddefendi ruħu kontra l-eċċeżzjoni proposta mill-konvenut. Dik il-kwistjoni kienet, għal-hekk, purament aċċessorja u subordinata għad-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni, jew "inċident" fil-kawża — "quod incidit in rem de qua agitur";

Għalhekk, l-eżami ta' dik il-kwistjoni ma kienx jimporta spostament tal-kawżali dedotta fiċ-ċitazzjoni jew tibdil tagħha. Infatti, kieku dak l-eżami kellu jkollu riżultat favorevoli għall-attur, dan kien appuntu jwettaq dik il-kawżali; għax, eskluż "ex hypothesi" il-ftehim minħabba l-ineffikaċja legali tiegħu pretiża mill-attur, ma kienx jibqa' ħlief ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ purament u sempliċement, li hi preċiżament il-kawżali dedotta;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-imsemmi ftehim seta' jiġi kunsidrat iżolatament għalieh, talment li jiġi skonness għall-kollox mill-ftehim dwar ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ, u għalhekk tħoss illi l-kwistjoni kollha setgħet u messha ġiet kunsidrata kollha f'daqqa mill-Ewwel Qorti. Id-deċiżjoni fil-meritu mogħtija bis-sentenza appellata, anki bir-riżerva favur l-attur li saret fiha, mingħajr l-eżami u d-deċiżjoni preventiva tal-kwistjoni sollevata mill-attur tista', fil-fehma tal-Qorti, eventwalment tippreġudika irrimedjabbilment lill-istess attur;

Mill-bqija, u bħala regola ġenerali, huwa ċertament deżiderabbli illi, meta dan jista' jsir kompatibbilment mar-regoli proċedurali u d-dispożizzjonijiet tal-liġi, l-inċidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f'kawża jiġu diskussi u deċiżi fl-istess ġudizzju għall-ekonomija ta' żmien u spejjeż, u a skans ta' possibbli konflitt ta' ġudikati. Ikun

hemm każijiet li fihom, kif anki ritenut mill-ġurisprudenza, hi meħtieġa azzjoni separata; iżda fil-fehma tal-Qorti dan mhux wieħed minn dawk il-każijiet;

*Ikkunsidrat;*

Illi għar-raġunijiet fuq esposti l-ilment tal-attur jidher ġustifikat, u hu meħtieġ il-provvediment infraskritt;

Din il-Qorti, għalhekk, tiddikjara illi l-kwistjoni sollevata mill-attur dwar l-effetti ġuridiċi tal-ftehim fuq irritenzjoni tat-£80 *in kwistjoni tista'*, u għandha, *tiġi trattata* f'din il-kawża; u tħalli l-kawża għat-trattazzjoni talmeritu kollu, inkluża dik il-kwistjoni, għat-12 ta' Jannar 1959;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza finali.

**Tmiem tat-Tieni Sezzjoni**
**tal-Ewwel Parti**
**tal-Volum XLII.**